Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**Laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena nhar**

**l-Erbgha 14 ta' Ottubru 2015 fil-5pm.**

**Prezenti:**

**Mary Anne Abela - Chairperson**

**Simon Stilon – Deputy Chairperson**

**Caroline Asha Caruana – Membru**

**Theresa Valentino – Membru**

***Il-Membru G. Leone Ganado kien skuzat minhabba li kien jinsab marid.***

---

**Ic-Chairperson qalet it-talba**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduti Nru.12 gew moqrija u approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson issekonda.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Il-Vici Chairperson rrimarka dwar it-traffic calmer li ser tigi mplimentata bi prova fi Triq il-Markiz J. Scicluna. Huwa nforma li ricentament kellu kuntatt minn resident li joqghod f' din l-istess triq fejn infurmah li hu ma jaqbilx ma' din il-mizura. Il-Vici Chairperson nforma li ntbaghtet ittra lill-uniku resident li esprima l-opinjoni tieghu rigward din il-materja fejn gie nfurmat li din it-traffic calmer se ssir bi prova.

   Wara diskuzzjoni, il-Kumita unanimament qabel li din il-calmer issir ta' laktsu u ssir bi prova ghal ftit zmien halli f'kaz li jigi deciz li din titnehha tkun aktar facli.

## III RAPPORT MIC-CHAIRPERSON

1. Hija nfurmat li minn naha taghha la f' isem dan il-Kumitat u lanqas f'isem il-Kunsill Lokali tas-Swieqi, qatt ma sar rapport lil MTA jew lil xi dipartimenti ohra governattivi dwar l-incident ta' storbju eccessiv matul il-lejl minn residenza fi Triq il-Markiz J. Scicluna. Hija qalet li kien sar qbil biex il-Kunsill jivverfika ma' l-MTA jekk din is-sidien ta' din ir-residenza ghandhomx il-permess kollha neccessarji biex l-istess residenza jigu ospitati iktar nies. Ic-Chairperson infurmat li l-MTA kienu nfurmaw li s-sidien ghandhom il-permessi mehtiega sabiex jospitaw 6 persuni fl-istess residenza.

2. Ic-chairperson infurmat li fl-attivita tal-Milied ta' din is-sena li se ssir fl-20 ta' Dicembru 2015, ser ssir quddiesa fil-Kappella ta' St. Maddalena u wara se jkun hem banda fejn se ddoq l-innijiet tal-Milied. Kien hem qbil unanimu dwar dan.

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI

<u>Mill-Vici Chairperson</u>

1. Il-Vici Chairperson irrimarka li ghalkemm huwa mportanti hafna li l-Kumitat jzomm kuntatt kontinwu mar-residenti tal-Madliena, huwa ta' mportanza wkoll li l-hin allokat ghal-laqgha ta' da nil-Kumitat jintuza sew minn kull membru sabiex kullhadd ikollu l-opportunita li jressaq l-opinijonijiet u l-ideat tieghu ghall-gid tal-komunita'. Ghalhekk huwa rrimarka li jkun iktar ghaqli li jekk kemm-il darba terzi persuni jkunu jridu jiltaqghu mal-Kumitat, din issir f'laqgha ohra apparti (laqgha Ad-hoc) u dan kollu li jkun ntqal jigi rrapurtat fil-laqgha tal-Kumitat li jmiss.

2. Huwa nforma li ricentament kellu laqgha ma' ufficcjali tal-Melita plc fejn gie issugerit li dawn jaghmlu uzu minn bins aktar adekwati minnflok jarmu f'boroz suwed u jithallew ma' l-art. Matul din il-laqgha, huwa gie infurmat li dawn kellhom jiehu azzjoni rigward din il-materja.

Mary Anne Abela | Hugh Zammit

Chairperson | Segretarju Ezekuttiv

**IV RAPPORTI MILL-MEMBRI- ikomplu**

Mill-Vici Chairperson- ikompli

3. Rigward il-by-law li kien qed jiddiskuti l-Kumitat flimkien mal-Kunsillieri tas-Swieqi, dwar recipjenti iktar addattati biex jinhareg l-iskart fihom ghar-residenti tal-Madliena; wara diskuzzjoni, gie deciz li dan il-Kumitat jibghat ittra lir-residenti tal-Madliena dwar din l-inzijattiva fejn ninfurmawhom li l-iskart domestiku ghandhu jinhareg f' recipjent minnflokk f' borza sabiex kemm il-qtates kif ukoll il-klieb ma jqattawx il-borza u ghalhekk tinzamm iktar indafa fit-toroq ta' din iz-zona. Il-membru T. Valentino tablet sabiex issir talba ufficjali lid-Dipartment ghall-Gvern Lokali rigward din il-materja sabiex jigi iddentifkat jekk tistax tinhareg by-law dwar dan is-suggett qabel ma jigu nfurmati r-residenti tal-Madliena. Kien hem qbil unanimu dwar dan. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jikteb lid-Dirretur dwar din il-materja.

4. Il-Vici Chairperson talab sabiex issiru kuntatti mal-haddiema tal-kuntarttur responsabli mis-sinjali u t-tabell tat-traffiku dwar it-tarffic calmers li hemm fi Triq il-Madliena. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel dan.

5. Il-Kumitat gie nfurmat, li huwa gie avvicinat minn resident li joqghod fi Triq il-Pedidalwett dwar l-installazzjoni ta' traffic calmers f' din l-istess triq. Wara diskuzzjoni, b' mod unanimu gie deciz li tigi nstallata wahda biss minnflokk tnejn.

6. Huwa nforma li kien prezenti ghall-laqgha li saret mar-residenti fil-Kunsill tas-Swieqi dwar il-possibilta' li tigi ntrodotta s-sistema ta' Neighbourhood watch fil-lokalita'. Il-membri tal-Kumitat issugerew li din tista' ssir ukoll fiz-zona tal-Madliena. Il-Vici Chairperson ha l-inkarigu li jibda' l-preparamenti sabiex ssir laqgha wkoll ma' residneti tal-Madliena.

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-mmebru nfurmat li ta' spiss qed jakkumula skart quddiem il-villel tal-kumpless ta' Madliena Ridge u ghaldasqtant hija ssugeriet li dan jitnaddaf u jekk hu possibli jigu nstallati litter bins sabiex jkunu evitat li l-iskart jispicca ma' l-art. Hija nfurmat wkoll li madwar il-bring-in-sites ukoll qed jakkumula hafna l-iskart. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li se jaghmel kuntatt mal-kuntarttur sabiex inaddaf din iz-zona.

2. Hija rrimarkat li madwar il-Victoria Lines (wirt storiku Malti), qed jikber hafna haxix hazin twil u ghaldasqtant staqsiet jekk hux possibli li l-Gvern Centrali joffri servizz sabiex jitnaddfu zoni storici bhal dawn. Gie deciz li jsir kunttat mad-dipartiment governattiv ikkoncernat fil-waqt li tintalab stima lill-kuntarttur tal-Kunsill dwar l-ispiza nvoluta sabiex din iz-zona titnaddaf.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Hugh Zammit |
| Chairperson | Segretarju Ezekuttiv |

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI- ikomplu

Mill-Membru T. Valentino- tkompli

3. Hija staqsiet jekk sarux il-boundary walls fit-telgha ta' Triq il-Fortizza.

4. Il-Membru staqsiet sabiex il-Kumitat jikteb lid-Dipartiment ikkoncernat mill-manutenzzjoni tal-hitan tas-sejjiegh sabiex ufficjalment jistaqsi jekk joffrix ghajnuna finanzjara sabiex dawn il-hitan jizammu fi stat tajjeb minghar ma jkunu ta' periklu. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel dan.

Mill-Membru C. Asha Caruana

1. Il-membru ssugeriet sabiex tinkiteb ittra/email ohra lit-Transport Malta sabiex dawn ituna data ndiktativa ta' meta se jibda' jahdem it-transport pubbliku fiz-zona tal-Madliena peress li sa issa ghad m'ghandna l-ebda ndikazzjoni cara.

2. Hija rreferiet ghall-qasab li qed jikber sew f' Wied Mejxu li issa qed jmiss sew mall-propjeta' tar-residenti. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li huwa diga' ghamel kuntatt mad-Dipartiment pero' sa issa ghadhom ma bghatux lura. Huwa nforma li se jerga' fakkarhom rigward din il-materja.

3. Il-Kumitat gie nfurmat li hija se terga' taghmel kuntatt mal-Wasteserv dwar l-inizjattiva li jingabar l-iskart organiku darbtejn fil-gimgha.Wara diskuzzjoni, gie deciz b' mod unanimu li l-membru ghandha taghmel kuntatt mal-Wasteserv sabiex jigi stabbilit x' irrid ssir.

Din il-laqgha spiccat fit-7.40pm u sar qbil li l-laqgha li jmiss ssir nhar l-Erbgha 2 ta' Dicembru 2015 fil-5pm

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Hugh Zammit |
| Chairperson | Segretarju Ezekuttiv |